MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2016

Rikors Maħluf Numru: 1011/15 LM

**Atlas Insurance PCC Limited (C-5601)**

**u**

**GasanMamo Insurance Limited (C-3143)**

**vs.**

**Malta Industrial Parks Limited (C-28965)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fis-26 ta' Ottubru, 2015 mis-soċjetajiet attriċi **Atlas Insurance PCC Limited** u **GasanMamo Insurance Limited** (minn issa 'l quddiem "is-soċjetajiet attriċi") li fuq dawn il-premessi:

*"1. Illi s-soċjetajiet esponenti ħarġu polza ta' assigurazzjoni tat-tip Business Insurance Plan bin-numru 93396 240 001 a favur tas-soċjetà intimata, liema polza kienet intiża sabiex tkopri r-riskju tal-operat tal-imsemmija soċjetà intimata skont it-termini tal-polza.*

*2. Illi a tenur tal-kundizzjoni ġenerali numru tmintax (18) kontenuta fl-ewwel sezzjoni (intitolata General Conditions) tal-imsemmija polza (Dok A), hemm stipulat long term agreement għal perjodu ta' ħames snin, liema perjodu kellu jiskadi fit-30 ta' April, 2015 (Dok B), fejn is-soċjetà intimata intrabtet li "in the event of the Insured breaking this agreement within any designated period, the Company shall be entitled to recover from the insured the amount of any discount allowed till the time the agreement is broken".*

*3. Illi di fatti, din il-polza assikurattiva de quo ma kinitx rinovata mis-soċjetà intimata għall-perjodu assikurattiv ta' bejn l-1 ta' Mejju, 2014 u t-30 ta' April, 2015. Konsegwentement, skattat il-klawżola fuq riferita riżultat tal-inadempjenza kontrattwali tas-soċjetà intimata.*

*4. Illi għalhekk, in vista tal-premess, is-soċjetà intimata għandha tħallas lis-soċjetajiet esponenti s-somma ta' erba' u tmenin elf disa' mija u ħmistax-il euro disgħa u sebgħin ċenteżmu (€84,915.79) rappreżentanti d-discount fuq il-premium lilha konċess mis-soċjetajiet esponenti u li għalhekk kellu jiġi rifuż ai termini tal-imsemmija General Conditions.*

*5. Illi di più, fuq talba tas-soċjetà intimata stess, is-soċjetajiet esponenti estendew l-perjodu ta' kopertura tal-polza għall-perjodu bejn l-1 ta' Mejju, 2014 sal-31 ta' Mejju, 2014 u dan versu l-ħlas ta' premium ammontanti għal sbatax-il elf seba' mija u dsatax-il euro seba' u għoxrin ċenteżmu (€17,719.27) (vide Dok B). Cio nonostante, is-soċjetà intimata naqset milli tħallas lis-soċjetajiet esponenti l-premium appena indikat għal tali estensjoni ta' kopertura minnha rikjesta."*

Talbu lil din il-Qorti sabiex:

*"1. Tiddikjara li s-soċjetà intimata kisret l-obbligi kontrattwali tagħha speċifikament il-kundizzjoni ġenerali kundizzjoni ġenerali numru tmintax (18) kontenuta fl-ewwel sezzjoni (intitolata General Conditions) tal-imsemmija polza li tistipola long term agreement għal perjodu ta' ħames snin, liema perjodu kellu jiskadi fit-30 ta' April, 2015 u li għalhekk is-soċjetajiet rikorrenti huma intitolati għal rifużjoni mingħand is-soċjetà intimata tad-discount fuq il-premium konċess lilha b'rabta mal-imsemmija polza, fl-ammont ta' erba' u tmenin elf disa' mija u ħmistax-il euro disgħa u sebgħin ċenteżmu (€84,915.79);*

*2. Tikkundanna lis-soċjetà intimata sabiex tħallas lis-soċjetajiet rikorrenti s-somma ta' erba' u tmenin elf disa' mija u ħmistax-il euro disgħa u sebgħin ċenteżmu (€84,915.79) dovut ai termini tat-talba preċedenti;*

*3. Tiddikjara li s-soċjetà intimata naqset milli tħallas il-premium għal estenzjoni limitata ta' kopertura mitluba minnha stess għall-perjodu bejn l-1 ta' Mejju, 2014 sal-31 ta' Mejju, 2014 fl-ammont ta' sbatax-il elf seba' mija u dsatax-il euro sebgħa u għoxrin ċenteżmu (€17,719.27);*

*4. Tikkundanna lis-soċjetà intimata tħallas lis-soċjetajiet rikorrenti s-somma ta' sbatax-il elf seba mija u dsatax-il euro sebgħa u għoxrin ċenteżmu (€17,719.27) dovuta ai termini tat-talba preċedenti."*

Rat ir-Risposta Ġuramentata ippreżentata fit-30 ta' Novembru, 2015 mis-soċjetà konvenuta **Malta Industrial Parks Limited** (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà konvenuta") li wara li ppremettiet:

*"1. Illi l-esponenti kienet tinqeda bis-servizzi tal-Mediterranean Insurance Brokers Limited bħala broker tal-assikurazzjoni;*

*2. Illi tramite l-imsemmija soċjetà, l-esponenti kienet akkwistat polza tal-assikurazzjoni sabiex tkopri diversi binjiet li huma amministrati mis-soċjetà esponenti bis-saħħa tal-Ordinanza dwar il-Kummissarju tal-Artijiet (Kap. 169) liema kopertura kellha tiskatta kemm-il darba sseħħ ħsara f'xi fond li ma jkunx mod ieħor kopert;*

*3. Illi s-soċjetà esponenti qatt ma kellha skambji mal-atturi u dejjem aġixxiet tramite l-imsemmija brokers;*

*4. Illi fl-2014 wara skambji mal-imsemmija brokers stante li rriżulta li l-premium li kien qiegħed jiġi impost kien esaġerat, tali polza ġiet sottoskritta ma' assikuraturi oħra versu premium bil-bosta ridott;*

*5. Illi fir-rigward tal-estensjoni, is-soċjetà esponenti kienet skambjat korrispondenza mal-broker u l-intendiment kien li tali estensjoni tingħata gratwitament pendenti l-eżitu tat-trattattivi"'*

Eċċepiet li:

*"1. Preliminarjament, illi s-soċjetà esponenti mhijiex leġittimu kontradittur u għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju stante li r-relazzjoni tagħha hija ma' Mediterranean Insurance Brokers Limited;*

*2. Subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess, illi għandha tiġi kjamata fil-kawża s-soċjetà Mediterranean Insurance Brokers Limited;*

*3. Subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess, illi t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt kif se jiġi ppruvat fil-mori tal-kawża u għandhom jiġu miċħuda."*

Rat il-verbal tal-udjenza tas-16 ta' Diċembru, 2015 fejn l-avukati difensuri tal-partijiet qablu li jippreżentaw noti ta' sottomissjonijiet dwar it-tieni eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet kontendenti dwar it-tieni eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta.

Semgħet it-trattazzjoni mill-avukati tal-partijiet dwar it-tieni eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-15 ta' Marzu, 2016 fejn il-kawża tħalliet għall-udjenza tal-lum għall-provvediment dwar it-tieni eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta.

**Ikkunsidrat:**

Illi skont il-liġi tagħna, u dan mhux ikkontestat bejn il-partijiet, il-broker huwa mandatarju tal-assikurat u mhux tal-kumpannija tal-assikurazzjoni[1].

Illi fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, is-soċjetà konvenuta jġġib bħala raġuni l-għala l-broker tagħha għandu jiġi msejjaħ fil-kawża billi "għandha riżervi dwar l-operat tas-soċjetà Mediterranean Insurance Brokers Limited filwaqt li tqis li ġaladarba l-iskambji dejjem saru tramite l-istess soċjetà l-

[1] Ara **Atlas Insurance Limited vs. Malta Football Association**, 23.01.2008, Prim'Awla (LFS).

preżenza tagħha hija meħtieġa f'din il-kawża".[2] L-istess soċjetà konvenuta tkompli tissottometti li l-istitut tal-kjamat in kawża "mhux talli ma jeskludix li tiġi kjamata persuna li tista' tgħin fid-difiża tal-konvenut talli jmur pass oltre, u jidher li addirittura hu permess li jekk il-Qorti jidhrilha opportun, fil-konfront tal-kjamat in kawża ma tiddeċiedi xejn. Fil-fatt, l-Artikolu 962 tal-Kap. 12 jipprovdi li għad li l-kjamat għandu jiġi ttrattat daqs konvenut fil-kawża, fil-konfront tiegħu deċiżjoni 'tista'' u mhux għandha tingħata, dejjem, skont kif jiddettaw iċ-ċirkostanzi".

Illi s-soċjetajiet attriċi xejn ma jaqblu ma' din is-sottomissjoni tas-soċjetà konvenuta. Huma jikkonkludu n-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom hekk:

"19. Dan iwassal għall-konklużjoni li l-istitut tal-kjamata fil-kawża hu intiż 'per integrare il procedimento coll'aggiunta di un individuo che si riconosce avere interesse nello stesso' (**"Zahra vs. Scicluna"** - Q.K. 21 ta' Jannar, 1919). 'Jekk allura jirriżulta mill-provi li l-attur ma seta' qatt jottjeni l-kundanna ġudizzjarja tal-kjamat fil-kawża għaliex ma dan ma għandu ebda relazzjoni ġuridika, u jiġi allura stabbilit li dan ma kienx il-leġittimu kontradittur tiegħu, anke jekk jirriżulta li seta' kien fuq l-istess meritu l-leġittimu kontradittur tal-konvenut, din l-Qorti ma tarax kif tista' l-azzjoni treġi fil-konfront tiegħu.'[3]"

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti, dan l-aħħar pronunzjament iċċitat mis-soċjetajiet attriċi huwa, bir-rispett kollu, kategoriku żżejjed u jillimita bla bżonn l-istitut

---

[2] Fol. 37.
[3] **Lombard Bank Malta plc vs. RJ Attard & Company Limited et,** PA (JZM) 15.09.2014; **Carmelo Mamo vs. Brian Abela noe,** 04.02.2000

tal-kjamat fil-kawża. Filwaqt li l-Qorti taqbel li "biex soġġett imħarrek jew imsejjaħ fil-ġudizzju jitqies li hu leġittimu kontradittur, l-eżerċizzju fuq daqshekk jinneċessita aċċertament fuq il-bażi *tal-petitum,* ossija r-riżultat persegwit fil-ġudizzju mill-attur. In partikulari, il-prinċipju jinvolvi l-eżami tar-rapport ġuridiku dedott f'dan il-ġudizzju"[4], b'danakollu ma jfissirx li l-pożizzjoni tiegħu trid tkun tali li jista' jkun ikkundannat abbażi tal-*petitum* fl-istess kawża li fiha ġie msejjaħ, b'mod li jkollu relazzjoni ġuridika diretta mal-attur.

Peress illi: "kif rimarkat fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Albert Borg Falzon *pro et noe* vs. Joseph Cost Chretien**, il-Qorti tal-Kummerċ, per Imħallef W. Harding, 17.10.1950, 'l-interess li jilleġittima l-kjamata in kawża għandu jkun fl-eżitu tal-ġudizzju, intiż dan l-interess mhux neċessarjament fis-sens li l-kjamat in kawża jkun kundannat jew liberat, imma anki fis-sens li hu jkun jista' jsostni r-raġunijiet tal-attur jew tal-konvenut, jew tiegħu stess differenti mit-tnejn, jew għall-wieħed jew l-ieħor, u jipprovoka deċiżjoni, fil-limiti tal-azzjoni, li tistabbilixxi ċerti fatti u drittijiet favorevoli jew kuntrarji għalih, bla ma jiġi liberat jew kundannat'."[5]

Illi kif ġustament irrimarkat il-Qorti tal-Appell:

"Il-kjamata in kawża għandha wkoll fost oħrajn il-funzjoni li tkun preżenti t-terza persuna interessata fil-vertenza mhux direttament mal-atturi iżda mal-

[4] **Naudi Antoine Avukat noe vs. John Abela Limited** et, 02.10.2009 (QA)
[5] **Agius Vincent pro et noe vs. Borg Mario et**, 28.03.2003 – PA (PS).

konvenut, inkwantu dan tal-aħħar jista' jdur fuq is-subappaltatur għal kull dannu li jista' jsofri għaliex ikun dan li fil-konfront tiegħu irid jirrispondi. Il-preżenza tas-subappaltatur għalhekk hi utli għaliex telimina l-possibilità ta' komplikazzjonijiet fir-rigward tal-problemi konnessi mal-eżekuzzjoni ta' xogħol – kemm għaliex il-provi essenzjalment jirrigwardaw l-operat tas-subappaltatur li esegwixxa x-xogħol, u kemm għaliex dan tal-aħħar ma jkunx, 'il quddiem, jista' jillamenta mal-konvenut li dan ma avvanzax difiża valida u effiċjenti fil-konfront tal-atturi u b'hekk ġie bata huwa".[6]

Illi b'danakollu, anke jekk mhux dejjem meħtieġ li jkun hemm rapport ġuridiku dirett bejn l-attur u l-kjamat fil-kawża, xorta waħda jrid ikun hemm dak li l-ġuristi Taljani jsejħu "il requisito della comunanza di causa" li "si concreta nel fatto che il rapporto dedotto in causa è quanto meno connesso, sotto il profilo della causa petendi o del *petitum*, congiuntamente od alternattivamente considerati, con il rapporto che fa capo al terzo che s'intende chiamare in giudizio od anche nella esistenza di un interesse alla partecipazione del terzo nel contraddittorio processuale volto alla formazione di un accertamento giudiziale tra le parti originarie.[7]" Komunanza li ma sseħħx jekk bejn il-konvenut u t-terz ikun hemm rapport differenti mill-*causa petendi* dedotta mill-attur: "Il principio dell'estensione automatica della domanda dell'attore al chiamato in causa da parte del convenuto non opera, allorquando il

---

[6] **Aġent Accountant General vs. George Xuereb**, 15.03.1991, Appell Kummerċjali LXXV.ii.560. Din is-sentenza ġiet iċċitata b'approvazzjoni mill-istess Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet **Maltacom plc. vs. Raymond Mallia,** 27.02.2003.
[7] Iċċitati fil-*Commentario Breve al Codice di Procedura Civile – complemento giurisprudenziale, 2011*, dwar artikolu 206 tal-istess kodiċi, paġna 772.

chiamante faccia valere nei confronti del chiamato un rapporto diverso da quello dedotto dall'attore, come *causa petendi*".[8]

Illi s-soċjetà konvenuta mhix qed tibbaża t-talba tagħha fuq l-istess *causa petendi* tas-soċjetajiet atturi, imma unikament fuq "riżervi dwar l-operat" tas-soċjetà li trid tikkjama fil-kawża, u li kienet mandatarju tagħha. Għaldaqstant it-talba għall-kjamat fil-kawża mhix ġustifikata u sservi biex tikkumplika u allura ttawwal din il-kawża bla bżonn.

**Għaldaqstant din il-Qorti qiegħda tiċħad it-tieni eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta, bl-ispejjeż ta' din l-eċċezzjoni a kariku tagħha.**

Moqri.

--------------------TMIEM---------------------

[8] Ibid.